# Ulied Għajnsielem li siefru matul iż-żmien

## Emanuel Grima

***kitba ta' John Cassar minn Sydney***



Emanuel twieled fir-raħal ta' Għajnsielem f'Awissu 1943 minn Loreto Grima (Il-Ħoj) u Lonza (tal-Qormi) Agius li dak iż-żmien kienu joqogħdu fi Triq il-Ġnien. Hu kien l-ikbar f'familja ta' tlett itfal. Ħuh Toni, sena u nofs iżgħar minnu, jinsab jgħix Toronto l-Kanada. Oħtu Carmen mietet fil-bidu tal-2005 fl-Ingilterra, fejn għamlet żmien tgħix wara li żżewġet lil Roland King.

Emanuel tilef lill-Ommu meta kien għadu kellu 8 snin. Billi, bħal ħafna rġiel minn Għajnsielem ta' dak iż-żmien, missieru kien ibaħħar, l-ulied sabu ruħhom f'abbatiji f'Malta - is-subien għalihom u oħthom f'istitut Bormla. Emanuel u Toni kienu intbagħatu l-ewwel ġol-Istitut tan- Nazzarenu fiż-Żejtun u iktar tard fl-istitut ta' San Ġużepp ġewwa Santa Venera. Hemmhekk, Emanuel irċieva l-edukazzjoni tiegħu u ħa ċ-ċertifikat tas-sengħa ta' mastrudaxxa. Għalkemm tgħallem din is-sengħa, ix-xewqa tiegħu dejjem kienet li jitgħallem is-sengħa tal-istampar u pubblikazzjoni. Iż-żmien ta' wara l-gwerra ma tantx kien possibbli li wieħed jagħżel is-sengħa li jkun jixtieq. Infatti dan l-interess fl-istampa x'aktarx li nibet għax dak iż-żmien il-gazzetta tal- knisja, Leħen is-Sewwa kienet tiġi ppreparata u ippubblikata fl-istess Istitut ta' San Ġużepp.

Fl-1963 Emanuel qabad il-vapur li ħadu l-Awstralja. Hemmhekk, Emanuel xorta baqa' bit-tama li xi darba jaħdem fix-xogħol li kien jixtieq, imma l-ħobża ta' kuljum kien idabbara mix- xogħol ta' mastrudaxxa. Emanuel maż-żmien beda jinvolvi ruħu fil-pubblikazzjoni tal-gazzetta li toħroġ darba fil-Ġimgħa ġo Sydney bil-Malti, *The* Maltese *Herald.* Kien jgħin l-iktar bir-rapporti fuq l-isports u kien ukoll jikkomponi xi faċċati tal-gazetta. Fl-1991 Emanuel ħa kors fit-technical *college* fuq *id-desktop publishing* u dan ll-kors tah il-kunfidenza sabiex jibda l-karriera part-time tiegħu *fil-graphic arts*.

Mis-sena1993 hu ħa f'idejh l-editing u *t-typesetting* tal-programm li joħroġ il-kumitat tal-Festa tal-Madonna tal-Vitorja ta' Greystanes, NSW. Dan il-program minn erbgħa paġni li bdew bih kiber għal aktar minn 40 paġna. Hu jieħu ħsieb ukoll il-pubblikazzjoni tal-programm tal-Festa ta' San Nikola li ssir ġo Plumpton, NSW. Hu għen Sewwa fil-publikazzjoni *tal-Maltese Community Directory* li ħarget il-Maltese Welfare NSW Inc fit-30 anniversarju tagħhom.

Emanuel għen ukoll sabiex jiġi stampat l-ewwel edizzjoni tal-ktejjeb, *Telqu Għal* Għonq *it- Triq* u kellu sehem akbar meta dan l-aħħar ġie maħruġ it-tieni ktieb f'din is-sensiela, miktubin minn Lawrence Dimech. Dawn il-kotba huma rikordju ħaj tal-istorja tal-emigranti Maltin u Għawdxin li marru l-Awstralja u huma rrakkontati minn fomm l-emigranti stess.

Emanuel hu attiv sewwa fil-kommunità Maltija ta' Sydney. Bħalissa huwa *l-Public Relations Officer* tal-kumitat tal-Maltese Past Pupils *of* Don Bosco (NSW) kif ukoll għandu sehem fil-Maltese Welfare Inc (NSW). Emanuel miżżewweġ lil Doris (nee Delia, minn Ħaż-Żabbar). Hu involut ukoll fil-ħarsa tal-kura tal-anzjani.

Għalkemm sfortunatament il-kuntatt mal-qraba li għad fadallu Għajnsielem matul iż-żmien inqata', hu xorta għadu jieħu nteress kbir fir-raħal twelidu permezz tal-internet u l-*website* eċċellenti li jtella' l-Kunsili ta' Għajnsielem u anke ta' soċjetajiet oħra. Hi x-xewqa tiegħu li fiż-żmien qarib jattendi l-festa tal-Patruna ta' Għajnsielem.

